

Il-Kriptoassi spjegati:

Kif jaffettwawk ir-regolamenti tal-MiCA bħala konsumatur

X'inhuma l-kriptoassi?

Il-Kriptoassi huma rappreżentazzjoni diġitali ta' valur jew dritt li jistgħu jiġu ttrasferiti u maħżuna elettronikament, bl-użu ta' reġistru distribwit¹ jew teknoloġija simili oħra.

Eżempji magħrufa sew ta' kriptoassi huma l-BTC (Bitcoin) u l-ETH (Ethereum), iżda s-suq tal-kriptoassi jinkludi firxa wiesgħa ta' assi oħra bħall-hekk imsejħa "stablecoins"², "meme coins"³ u "non fungible tokens" (NFTs)⁴.

Fl-Unjoni Ewropea (UE), ir-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (MiCA) jirregolaw l-attivitàajiet li jinvolvu ċerti kriptoassi. Wieħed mill-objettivi tal-MiCA huwa li jkun hemm regoli armonizzati għall-kriptoassi u s-servizzi relatati madwar l-UE, biex il-konsumaturi jiġu protetti aħjar (eż. aċċess għal informazzjoni kompreksiva, proċeduri trasparenti għat-trattament tal-ilmenti, eċċ.).

Skont it-tip ta' kriptoassi jew servizzi relatati (regolati, mhux regolati) u l-kumpaniji li joffru servizzi tal-kriptoass (eż. mhux awtorizzati, ibbażati barra mill-UE), tista' tiffacċċa riskji oħġla u livelli differenti ta' protezzjoni. Li wieħed jifhem ir-riskji li jista' tkun espost għalihom huwa kruċjali qabel ma jinxraw kwalunkwe tip ta' kriptoassi jew jintuża kwalunkwe servizz tal-kriptoassi.

Ara t-twissija tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej Konġunti biex issir taf aktar dwar ir-riskji [shorturl.at/Uat9o].

Xi kriptoassi huma rregolati skont il-MiCA u liem mhumiex

Il-MiCA tkopri tliet tipi ta' kriptoassi:

- ✓ **Tokens tal-flus elettroniċi (Electronic money tokens - EMTs)**⁵: kriptoassi li għandhom l-għan li jżommu valur stabbli billi jirreferenzjaw il-valur ta' munita uffiċjali waħda eż. L-Ewro jew id-Dollaru. Jekk għandek EMT, għandek id-dritt li tieħu flusek lura mingħand l-emittenti bil-valur sħiħ tiegħi, fil-munita relatata.
- ✓ **Tokens irreferenzjati ma' assi (Asset-referenced tokens - ARTs)**⁶: kriptoassi li għandhom l-għan li jżommu valur stabbli billi jirreferenzjaw valur jew dritt ieħor jew taħħita tagħhom (eż. munita uffiċjali, komoditajiet, assi oħrajn). Tista' tifdi ART bil-valur tas-suq tal-assi inkwistjoni.
- ✓ **Kriptoassi għajnej l-EMTs u l-ARTs**: tokens ta' utilità⁷ u kriptoassi "oħrajn" li m'humiex EMTs u lanqas ARTs jew esklużi b'xi mod ieħor mill-MiCA.

¹ TEKNOLOĠIJA TA' REĠISTRU DISTRIBWIT (DLT):

Reġistru distribwit huwa rekord ta' 'informazzjoni, jew bażi ta' data, li hija kondivisa fuq network.

L-aktar tip magħruf ta' reġistru distribwit huwa blockchain, hekk imsemmi minħabba li jaħżeen tranżazzjonijiet individwali fi grupp, jew blokok, meħmużha ma' xulxin f'ordni kronoloġika biex jifurmaw katina. It-teknoloġija tar-reġistru distribwit intużat għat-trasferiment ta' tipi differenti ta' assi bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ.

² STABLECOINS:

L-hekk imsejjaħ "stablecoin" huwa kriptoass li għandu l-għan li jżomm valur stabbli b'referenza għal ass wieħed (eż. munita ta' kors legali) jew diversi assi. L-istablecoins jistgħu ma jkunux daqshekk stabbli matul iż-żmien, speċjalment f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress.

³ MEME COINS:

Il-Meme Coins huma kriptoassi msemmija wara suġġetti umoristiċi jew divertenti. Normalment jinħolqu biex jinvolvu komunità u jistgħu jintużaw f'pagamenti bejn il-pari, investimenti spekulativi, jew kummerċ. F'ħafna każijiet, huma akkumpanjati minn websa b'temi komiċi, xi kultant ma jagħmlux sens, u l-kreaturi u s-segwaċi tagħhom jippromwov sens ta' komunità biex jattiraw oħrajn.

⁴ NON FUNGIBLE TOKENS (NFTs):

Dawn huma assi diġitali uniċi u mhux fungibbi maħżuna fuq network ta' reġistru distribwit, inklużi l-arti diġitali u oġġetti tal-kollezzjoni.

⁵ TOKENS TAL-FLUS ELETTRONIĊI:

- Tipi ta' kriptoassi li għandhom l-għan li jżommu valur stabbli billi jirreferenzjaw il-valur ta' munita uffiċjali (eż. L-Ewro, id-Dollaru eċċ.)
- L-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi biss jistgħu joffru lill-pubbliku jew ifitxu ammissjoni għall-kummerċ tal-ART fl-UE
- ma jagħtux interassi lid-detenturi;

⁶ TOKENS BIR-REFERENZA TAL-ASSI:

- Kriptoassi li mħumiex EMTs
- L-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-emittenti awtorizzati tal-MiCA biss jistgħu joffru lill-pubbliku jew ifitxu ammissjoni għall-kummerċ tal-ART fl-UE
- tista' ssir referenza għal assi oħra, inklużi munita uffiċjali jew aktar, kriptoassi oħra jew il-kombinazzjoni tagħhom;
- ma jagħtux interassi lid-detenturi


⁷ TOKENS TA' UTILITÀ:

Dawn huma tip ta' kriptoassi li l-iskop uniku tagħhom huwa li jipprovd u aċċess għal oġġett jew servizz offruti mill-emittenti ta' dan it-token.

Il-MiCA ma tapplikax għat-tipi ta' kriptoassi li ġejjin:

- ✖ **Kriptoassi li huma uniċi u mhux funġibbli.** Dawn m'humiex faċilment interkambjabblu li l-valur relativ tagħhom fir-rigward ta' kriptoassi oħra ma jistax jiġi identifikat faċilment permezz ta' tqabbil mas-suq eżistenti jew assi ekwivalenti (eż. propertet immobbbli virtwali, ismijiet ta' dominju u entrati li jeħtieġ verifika tal-awtentiċità). L-hekk imsejħa non fungible tokens (NFTs) li huma parti minn serje jew kollezzjoni jistgħu, madankollu, xorta jaqgħu taħt l-iskop tal-MiCA.
- ✖ **Tokens li m'humiex trasferibbli** (bħal punti minn skemi ta' lealtà).
- ✖ **Kriptoassi li digħi jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-servizzi finanzjarji** bħall-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji tal-MiFID (eż. kuntratti tad-derivattivi jew titoli trasferibbli). Meta tinvesti f'dawn l-assi, tibbenefika mir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur/investitor applikabbi għall-assi finanzjarji tradizzjoni tokenizzati.

! Jekk tixtri jew tbigħ kriptoassi, jew tuża servizzi relatati, mhux regolati skont il-MiCA jew leġiżlazzjoni oħra tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji, tista' tkun espost għal riskji sinifikanti u tirċievi protezzjoni limitata jew l-ebda protezzjoni tal-konsumatur.



Il-Kumpaniji li joffru servizzi tal-kriptoassi li tista' tiltaqa' magħħom



Il-Kumpaniji li joffru ta' servizzi tal-kriptoassi u tal-kriptoassi rregolati fl-UE:

Dawn id-ditti joffru prodotti u servizzi lill-konsumaturi rregolati skont il-MiCA, inklu l-ARTs, l-EMTs, il-kustodja u l-amministrazzjoni tal-kriptoassi, u l-operat ta' pjattaformi u skambi li ta' negozjar tal-kriptoassi (għal Fiat⁸ jew kriptoassi oħra). Sabiex ikunu jistgħu jipprovdoo servizzi lill-konsumaturi fl-UE, l-kumpaniji li joffru servizzi tal-kriptoassi jridu jkunu awtorizzati, jīgfieri jissodis-faw rekwiżiti spċċifici relatati mal-governanza, il-kapital, l-imġieba u l-protezzjoni tal-konsumatur.

+ *Tista' tiċċekkja jekk il-kumpanija mhijiex awtorizzat mill-UE billi tiċċekkja r-reġistru tal-ESMA (shorturl.at/zZwVI) u s-sit web tar-regolatur finanzjarju nazzjonali, l-Awtorita Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (shorturl.at/FnVTQ).*

Għal aktar dettalji agħti ħarsa lejn is-sezzjoni "X'għandek tistaqsi qabel ma tinvesti fil KRIPTO fit-twissija maħruġa mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej konġunti [shorturl.at/Uat9o]



Il-kriptoassi u l-kumpaniji li joffru ta' servizzi tal-kriptoassi mhux awtorizzati⁹ fl-UE:

Anke bil-MiCA fis-seħħi, tista' tiltaqa' ma' kriptoassi u servizzi tal-kriptoassi pprovduti minn ditti mhux awtorizzati fl-UE. Dawk id-ditti ma jistgħu jkunu soġġetti għall-ebda regola dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, jistgħu ma jkollhomx governanza xierqa, kapital, jew trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' prattiċi ta' salvagħwardji operazzjonali. Ir-riskji ta' frodi, ġestjoni ħażina tal-assi, jew insolvenza jistgħu għalhekk jiżiddu. Dan jinkludi kriptoassi u servizzi offruti minn ditti bbażati barra mill-UE

! *Jekk tagħżel li tinvolvi ruħek ma' kumpaniji mhux awtorizzati, kun af li tista' tkun qed tesponi ruħek għal riskji sinifikanti u jkollok drittijiet limitati jew l-ebda dritt għall-protezzjoni tal-konsumatur. Tista' tiffaċċa telf, għandek possibbiltà limitata jew l-ebda possibbiltà li tirkupra kwalunkwe assi, u titħalla mingħajr ebda rimedju f'każ ta' tilwim.*

⁸ FIAT:

Il-munita tal-Fiat hija ddikjarata bħala valuta legali u tinħareġ minn bank ċentrali bħad-Dollaru Amerikan, l-Ewro, eċċ.,. Kriptoassi għan-negozjar f'munita ta' kors legali: tirreferi għax-xiri, il-bejgħ jew il-kummer ta' kriptovalut b'munita ta' kors legali.

⁹ DITTA MHUX AWTORIZZATA:

Id-ditti kollha li joperaw fl-UE mingħajr liċenzja valida skont il-MiCA mhumiex awtorizzati. Iżda mhux id-ditti mhux awtorizzati kollha li jipprovdoo servizzi huma neċċessarjament illegali (eż. solleċitazzjoni inversa, deċentralizzata bis-sħiħ u oħrajn barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-MiCAR).